MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 663/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**KONTRA**

**CARMEL MIZZI ta' 60 sena, iben il-mejjet Joseph u Rita nee' Mizzi, imwieled Valletta nhar is-17 ta' Awwissu, 1951, residenti fil-fond numru 4, Triq l-Imtiehen, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 652151M;**
**U MARIO MIZZI ta' 48 sena, iben il-mejjet Joseph u Rita nee' Mizzi, imwieled l-Imsida nhar l-1 ta' Jannar, 1964, residenti fil-fond bl-isem ta' 'Rita', Triq Claerence, Gwardamangia, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 30964M;**

**Il-Qorti;**

Rat rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Carmel Mizzi** u **Mario Mizzi** li gew akkuzati talli:

Fit-12 ta’ Gunju, 2002 u fix-xhur ta’ qabel, bil-Belt Valletta, u f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz billi wahhlu sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz IBE836 fuq vettura tal-ghamla Porsche 944S (numru tar-registrazzjoni originali H8 ONYX) ai termini ta’ l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhlu n-numru tar-registrazzjoni IBE836 fuq vettura tal-ghamla Porsche 944S (numru tar-registrazzjoni orignali H8 ONYX), ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Carmel Mizzi wahdu** akkuzat talli nhar it-12 ta’ Gunju, 2002 u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ai termini tal-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fit-12 ta’ Gunju, 2002, u fis-snin ta’ qabel, f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz CAL007 fuq vettura tal-ghamla Porsche 944S (numru tar-registrazzjoni originali H8 ONYX) ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni CAL007 fuq vettura tal-ghamla Porsche 944S (numru tar-registrazzjoni originali H8 ONYX) ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Porsche 944S bin-numru tar-registrazzjoni originali H8 ONYX b'numri IBE836 u CAL007 li jappartjenu vetturi ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputati wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Rat li fl-gheluq ta' dawn il-proceduri, l-imputati ghazlu li jirregistraw ammissjoni ghall-akkuzi.

In succinct din il-kawza ticcentra dwar Porsche li x-xhud Adam Worsford insista li kienet insterqitlu. Darba l-Belt, meta mar iwassal lill-partner tieghu, ra Porsche li gharaf bhala tieghu, li skondtu kienet insterqitlu snin ilu. Gharafha bhala tieghu. Irrizulta wkoll illi din kienet qed tigi wzata mill-ko-imputat Charles Mizzi. Irrizulta wkoll illi din il-vettura ttiehdet ghat-tiswija fil-garaxx ta' dan Charles u thalliet hemm. Fil-fatt tiswija fuqha saret, kif irrizulta kemm mir-relazzjoni ta' Joseph Zammit kif ukoll ta' Mario Buttigieg. Irrizulta wkoll illi din il-Porsche fuqha kellha registration plates ta' Porsche ohra appartenenti lill-ko-imputat Mario Mizzi.

Semghet in vista' ta' l-ammissjoni, trattazzjonijiet dwar il-piena.

Qieghda ssib lil Mario Mizzi hati tar-reati addebitati taht l-Artikoli 18, 188, 189, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikolu 17 ta’ l-imsemmi Kapitolu, u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lil Charles Mizzi hati tar-reati addebitati wara li rat l-Artikoli 18, 188, 189, 294, 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Dwar il-piena, in vista’ li jidher illi kien hu l-percimes ta’ kollox, tqis illi l-piena idonea hija dik ta’ sentenza sospiza ta’ 18-il xahar sospizi ghal 3 snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tikkundannah ukoll ihallas il-multa ta’ €582.50, u tissospendieh milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal 6 xhur.

Tikkudanna wkoll lill-imputati jhallsu s-somma ta’ €1,037.54 bejniethom, cioe’ €518.77 kull wiehed, bhala spejjez peritali, u dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------